DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tal-1 ta' Lulju 2013

li taħtar Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja

(2013/349/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106*a*(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 22(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-artikolu 22(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja jipprevedi l-ħatra ta' mħallef Kroat fil-Qorti tal-Ġustizzja għal perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sas-6 ta' Ottubru 2015.

(2) Is-Sur Siniša RODIN ġie nnominat biex jinħatar bħala mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja.

(3) Il-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta l-opinjoni tiegħu dwar l-idoneità tas-Sur Siniša RODIN għall-qadi tal-funzjonijiet ta' mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Siniša RODIN huwa maħtur bħala mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sas-6 ta' Ottubru 2015.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

L. LINKEVIČIUS